# Rapport Bi-annwali ta' l-Aġenzija SAPPORT

2003-2004

**Daħla - L-Onorevoli Dolores Cristina**

**Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali**

L-Aġenzija SAPPORT bdiet tiffunzjona bħala *Supported Living Division* taħt il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali fil-Ministeru tal-Politika Soċjali nhar l-1 ta' Awissu 2001. Hija twaqqfet bħala Aġenzija nhar it-18 ta' Frar 2003 dejjem taħt l-istess Fondazzjoni u allura saret *sister agency* għal Appoġġ u Sedqa.

L-iskop ewlieni li għalih twaqqfet l-Aġenzija SAPPORT huwa biex tiġi ndirizzata s-sejħa tal-ġenituri ta' persuni b'diżabilità li għal snin twal ilhom isaqsu 'X'se jiġri mit-tfal tagħna ladarba ma nkunux nistgħu nieħdu ħsiebhom aktar aħna!' Permezz ta' din it-tielet Aġenzija flimkien mat-tnejn l-oħra, illum il-Fondazzjoni allura qed toffri firxa wiesgħa ta' servizzi mmirati lejn dawk li l-aktar iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet soċjali.

Filwaqt li tajjeb li nifhmu li f'dawn l-aħħar 20 sena sar tibdil sostanzjali għall-aħjar fil-qasam tal-persuni b'diżabilità, fl-istess waqt irridu nagħrfu li dan huwa qasam vast u kumpless ħafna li mhux kemm taqbad u tgħid li wasalna fejn xtaqna. M'hemmx dubju li t-triq biex verament inkunu nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li l-persuni b'diżabilità rebħu d-dritt kollu tagħhom biex ikunu membri sħaħ fis-soċjetà Maltija, bid-drittijiet u l-obbligi li dan iġib miegħu, hija verament twila.

Il-bżonn ta' servizzi li bħalhom bdiet toffri l-Aġenzija SAPPORT f'dawn l-aħħar sentejn kien ilu jinħass sew, minħabba li alternattivi validi ma kienux jeżistu. Meta wieħed iħares lejn servizzi residenzjali, tajjeb li nagħrfu li meta persuna b'diżabilità minħabba raġuni jew oħra kien ikollha bżonn ta' akkomodazjoni alternattiva kienet issib din is-sitwazzjoni -

1. Id-Dar tal-Provvidenza li fetħet fl-1962 għall-istess għan ilha għal snin twal mimlija u għandha lista' twila ta' nies miktuba biex xi darba jinstabilhom post biex jidħlu jgħixu fiha.
2. L-inizjattivi minn azjendi mhux governattivi li nbdew fl-aħħar 15–il sena, bħal Dar il-Wens u Dar Nażaret, għalkemm ta' min ifaħħarhom, huma żgħar wisq biex ilaħħqu mad-domanda dejjem tikber għal dan it-tip ta' servizz.
3. F'dawn l-aħħar snin beda u għadu jsir progress kbir fil-qasam tal-mediċina li jfisser li l-ħajja ta' dawn il-persuni qiegħda dejjem titwal aktar u allura qed igħixu aktar mill-ġenituri tagħhom u dan ifisser li probabbilment jiġu bżonn ta' servizz residenzjali.
4. Dan kien u għadu f'ċerti każi jfisser li l-unika alternattiva għal ħafna minn dawn il-persuni kienet li jsibu ruħhom ġewwa l-Isptar Monte Carmeli jew fir-Residenza San Vinċenz jew inkella f'xi dar ta' l-anzjani bil-konsegwenzi kollha li sistema istituzzjonalizzata tikkawża lill-persuna konċernata.

Għalhekk kien ferm importanti li aħna fehmna li kien essenzjali li jingħata bidu għal servizz bħal dan. Minkejja l-fatt li aħna konxji li l-Aġenzija għadha 'l bogħod milli

jkollha r-riżorsi neċessarji biex tilħaq il-ħtieġa sħiħa għal dan is-servizz, irridu nemmnu li hemm bidu sod li fuqu nkomplu nibnu fil-futur u li aħna kommessi biex inkomplu nsostnu l-Aġenzija b'qawwa biex l-għan ewlieni li kull persuna jkollha akkomodazzjoni xierqa bl-appoġġ neċessarju jkun jista' jintlaħaq.

**Onor. Dolores Cristina**
**Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali**

**Daħla – Mr. Joseph Ebejer**
**President, Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**

Il-ħtieġa li jitwaqqaf servizz residenzali u ta' sapport fil-kommunità għal persuni b'diżabilità kienet magħrufa u kienet ilha tinħass għal żmien twil. Konxja minn dan il-bżonn, tliet snin ilu l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, dak iż-żmien fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u llum fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, iddeċidiet li twaqqaf taħtha t-tielet aġenzija biex timla l-vojt li kien jeżisti f'dan il-qasam. Sa dak iż-żmien, il-Fondazzjoni kellha responsabbiltà ta' żewġ aġenziji oħra li kienu l-Aġenzija *Sedqa,* li tindirizza persuni bi problemi ta' abbuż minn droga u alkoħol, u l-Aġenzija Appoġġ, li prinċiparjament toffri servizzi ta' *social work* lil persuni u familji bi problemi soċjali. Il-Fondazzjoni għażlet li ssemmi l-aġenzija l-ġdida 'SAPPORT' għax dehrilha li dan l-isem kien jiġbor f'kelma waħda l-*mission statement* ta' l-Aġenzija, jiġifieri li tkun ta' spalla għall-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

Illum, tliet snin wara t-twaqqif ta' l-Aġenzija SAPPORT inħossni kburi li kelli sehem fit-twaqqif ta' din l-Aġenzija. Minkejja l-problemi u l-limitazzjonijiet li wieħed normalment jiltaqa` magħhom meta jibda jibni xi ħaġa kompletament ġdida, kif kien il-każ meta twaqqfet l-Aġenzija SAPPORT, fir-realta` u minn dak li jidher f'dan ir-rapport, il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija fl-aħħar sentejn koperti mir-rapport, tmur ħafna aktar 'il bogħod milli wieħed kien jistenna. Mir-riżultati miksuba jidher ċar li din l-Aġenzija hija waħda dinamika għall-aħħar u kapaċi taddatta ruħha għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-mument. Dak li tfassal fuq il-karti madwar mejda sar realta` f'qasir żmien. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr id-dinamiżmu u l-impenn bla riservi tal-ħaddiema kollha ta' l-Aġenzija, mill-kap tagħha 'l isfel. Żgur li s-suċċess milħuq minn SAPPORT hu rifless f'ħajja aħjar għal dawk il-klijenti li gawdew mis-servizzi ta' l-Aġenzija, jiġifieri l-persuni b'diżabilità nfushom u l-familji tagħhom.

Dan kollu juri li l-pass li ttieħed tliet snin ilu kien wieħed għaqli u ta' fejda, u bil-ħidma li saret sa issa nistgħu nħarsu l-quddiem b'fiduċja. Il-pedamenti li twaqqafu fis-sod biex jinbdew is-servizzi li llum qed tipprovdi l-Aġenzija jipprovdu bażi għal żvilupp u jawguraw tajjeb għall-ġejjieni fil-qasam tad-diżabilità.

**Mr. Joseph Ebejer**
**President, Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**

**Daħla – Mr. Marcel Pisani**
**Kap Operattiv, Aġenzija SAPPORT**

Meta ġejt inkarigat mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali biex niżviluppa u mmexxi servizz residenzjali kif ukoll fil-komunità għal persuni b'diżabilità, b'enfasi fuq persuni li jesprimu dak li nsejħulu *challenging behaviour* minħabba fil-kundizzjoni tagħhom kif ukoll dawk li jkunu f'riskju li jispiċċaw ġewwa istituzzjoni, ma kelli l-ebda illużjoni li dak li dħalt għalih kienet xi biċċa xogħol ħafifa.

Jiena ħassejt li kelli kredenzjali biżżejjed biex inwettaq din il-ħidma għal żewġ fatturi - l-ewwel li bħala missier ta' żewġ ulied b'diżabilità kont konxju biżżejjed tal-bżonnijiet li jkollhom dawn il-persuni u l-familji tagħhom, u t-tieni, l-ħidma volontarja li wettaqt fil-qasam għal madwar 25 sena għenitni jkolli perspettiva wiesgħa ta' *issues* relatati ma' dawn il-persuni. Barraminhekk din il-ħidma għalija kienet tfisser bidla kbira fil-ħidma professjonali tiegħi fejn għal 34 sena sħaħ dejjem ħdimt fil-qasam tat-turiżmu.

Bl-onesta' kollha ngħid li apparti li ħassejt li stajt nagħti sehmi f'din il-ħidma, kont konxju wkoll li l-ħidma ma' dawn il-persuni, apparti li titlob dedikazzjoni kbira u volonta' soda, taf toffri wkoll sodisfazzjon għal kull pass 'il quddiem li jsir minn dawn il-persuni kif ukoll għall-imħabba bla kundizzjoni li dawn jafu jagħtu lil kull min jaħdem magħhom.

Dan kien ix-xenarju li fih bdejt naħdem f'Awissu tal-2001 biex niviluppa strateġiji li bihom kellha titmexxa din l-Aġenzija. Jiena mil-ewwel fhimt li tali servizz se jkun hemm talba kbira għalih u dejjem kont konxju mil-fatt li l-persuna b'diżabiltà fejn huwa possibbli għandha tibqa' tgħix fi ħdan il-familja tagħha. Għalhekk ma' l-iżvilupp tas-servizz residenzjali bdejna nħaddmu wkoll servizz fil-komunita' immirat biex jagħti appoġġ lill-persuna b'diżabilità u lill-familjari tagħha waqt li din tkun għadha tgħix id-dar.

Dan it-tip ta' servizz huwa mmirat biex -

1. Iħarreġ lill-persuna b'diżabilità fil-bżonnijiet tagħha kemm dawk personali kif ukoll l-abilitajiet tagħha
2. Itawwal kemm jista' jkun il-ħajja tal-persuna fi ħdan il-familja
3. Jipprepara l-persuna fit-transizzjoni għal servizz residenzjali fejn dan ikun meħtieġ.

Permezz ta' dan is-servizz aħna bdejna naħdmu mill-ewwel ma' dawk il-persuni li kellhom jidħlu fis-servizz residenzjali, li apparti li serva bħala transizzjoni, tana l-opportunita' biex inlestu x-xogħol strutturali u armar tal-ħames residenzi li għandna jiffunzjonaw bħalissa, jiġifieri r-Residenza Vajrita ġewwa Wied il-Għajn (l-ewwel u t-tieni sular), Villino Maria fl-Imtarfa u l-appartamenti fil-Fgura u Kirkop.

Illum dak li pproġettajna fil-bidu (bl-approvazzjoni tal-Bord) wettaqnieh u s-servizzi kemm dawk residenzjali kif ukoll fil-komunita' huma meħuda kollha. Ma' dan ix-

xogħol trid tiżdied l-amministrazzjoni mill-Aġenzija ta' 6 postijiet residenzjali ġewwa Dar l-Arka f'Għajnsielem kif ġie miftiehem bejn il-Gvern u l-Fondazzjoni Arka.

Dan kollu twettaq waqt li ħaddanna l-prinċipji -
1. li s-servizz ikun iċċentrat madwar il-persuna (*person-centred*)
2. li l-ħidma mal-persuna tkun mfassla skond il-bżonn
3. li l-persuna tingħata l-opportunita' li tagħmel l-għażliet fil-ħajja tagħha u li tkun infurmata tajjeb dwar dawn l-għażliet, u
4. li l-persuna u d-dinjita' tagħha tiġi mħarsa u protetta.

F'din il-ħidma kollha għandna tlett kategoriji ta' ħaddiema li huma essenzjali ħalli nwasslu s-servizzi tagħna -

1. *Support Workers* li jaħdmu direttament mal-persuni b'diżabilità kemm fir-residenzi tagħna kif ukoll fil-komunità
2. *Social Workers* li joffru appoġġ lill-persuni b'diżabilità u l-ġenituri jew *carers* tagħhom inkluż li jgħinuhom fit-talba tagħhom għas-servizzi tagħna
3. *Professional Support Workers* li jissaportjaw lill-ħaddiema l-oħra fil-qadi ta' dmirhom, jagħmlu superviżjoni lill-istess ħaddiema u jaħdmu dirett mal-klijenti fejn ikun meħtieġ.

Nixtieq nieħu l-okkażżjoni biex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha ta' l-Aġenzija għax-xogħol siewi li qed jagħmlu ħafna drabi f'ċirkostanzi diffiċli iżda mingħajr dubju b'dedikazzjoni kbira biex jilħqu l-aspettativa tagħna li ntejbu l-kwalita' tal-ħajja tal-klijenti tagħna.

Wieħed issa jittama li waqt li qed naraw id-domanda dejjem tiżdied, jinstabu r-riżorsi neċessarji biex inkunu nistgħu nespandu s-servizzi ħalli kemm jista' jkun inlaħħqu mad-domanda.

**Marcel Pisani**
**Kap Operattiv, Aġenzija SAPPORT**

# 1. Introduzzjoni

L-Aġenzija SAPPORT hi waħda mill-aġenziji li flimkien ma' l-aġenzija APPOĠĠ u l-aġenzija SEDQA jagħmlu parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS). Din il-Fondazzjoni taqa' taħt il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

SAPPORT bdiet bħala 'Taqsima Għajxien Issapportjat' fl-1 ta' Awissu 2001 u twaqqfet bħala Aġenzija SAPPORT fit-18 ta' Frar 2003.

## 2. Missjoni, Viżjoni u Valuri

L-Aġenzija SAPPORT hi kommessa li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità billi tipprovdilhom sapport, għajnuniet professjonali u *advocacy* b'modi innovattivi u personalizzati.

Il-viżjoni ta' SAPPORT hi li taħdem mal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom biex tassigura l-mezzi, l-opportunitajiet u s-servizzi li bihom huma jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja tal-komunità. L-Aġenzija tipprattika l-ħidma tagħha fuq mudell soċjali u mhux dak mediku.

Biex twettaq din il-viżjoni SAPPORT tħaddan dawn il-valuri

- l-ugwaljanza, l-għażliet u l-opportunitajiet
- l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tas-soċjetà
- prinċipji tal-qsim ta' poter (*empowerment*) u determinazzjoni tal-persuna nnifisha (*self determination*) permezz ta' filosofija ħolistika u ċċentrata madwar il-persuna;
- sapport reċiproku u interdipendenti mibni fuq l-għarfien li kemm il-persuna b'diżabilità kif ukoll is-soċjetà jiggwadanjaw meta l-persuna b'diżabilità tavvanza bħala membru li jikkontribwixxi bis-sħiħ fis-soċjetà.

## 3. *Policies* u Proċeduri ta' l-Aġenzija

SAPPORT iddedikat ħin sostanzjali biex tiżviluppa *policies* u proċeduri mibnija fuq il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tagħha biex tassigura li dawn jirriflettu l-leġislazzjoni u l-prattika preżenti u biex tħares id-drittijiet kemm tal-klijenti kif ukoll tal-ħaddiema tagħha.

Sal-lum, l-Aġenzija żviluppat sitta u disgħin (96) *policy* li jaqaw taħt tliet kategoriji prinċipali li huma Amministrazzjoni, Klijenti, u Riżorsi Umani.

# 4. Struttura ta' l-Aġenzija

L-Aġenzija hija mmexxija minn Kap Operattiv li flimkien ma' l-*Operations Team* huma responsabbli għad-deċiżjonijiet ta' kuljum.
Min-naħa l-oħra l-Kap Operattiv jifforma parti mill-*Management Team* tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali li flimkien mall-Kap Eżekuttiv u membri oħra anzjani, huma responsabbli għad-direzzjoni kemm ta' l-Aġenzija SAPPORT kif ukoll aġenziji oħra fi ħdan il-Fondazzjoni.

SAPPORT għandha wkoll Bord Konsultattiv indipendenti li jgħinha fid-diskussjonijiet fuq prinċipji ta' kif jitħaddmu s-servizzi, kif ukoll iservi bħala mezz ta' djalogu fuq l-operazzjoni kollha ta' l-istess Aġenzija.

Il-Bord Konsultattiv hu magħmul minn:
- rappreżentant ta' SAPPORT;
- rappreżentant tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;
- persuna b'diżabilità;
- persuna li tirrappreżenta persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom;
- professjonist fil-qasam mill-komunità; u
- rappreżentant tal-Kumitat għall-Allokazzjoni ta' Servizzi (*Service Allocation Committee*).

## *4.1 Ħaddiema ta' SAPPORT*

Fil-preżent l-Aġenzija għandha mija u ħmistax(115)-il ħaddiem imqassmin hekk:

| **Ħaddiema ta' SAPPORT** | | | |
|---|---|---|---|
| **Livell** | ***Full time*** | ***Part time*** | **Total** |
| *Operations Team*[1] | 4 | 1 | 5 (4.3%) |
| Amministrazzjoni | 4 | - | 4 (3.5%) |
| *Supervisors* | 4 | - | 4 (3.5%) |
| *Social Workers* | 5 | - | 5 (4.3%) |
| *Support Workers* Professjonisti | 4 | 3 | 7 (6.1%) |
| *Support Workers* | 34 | 54 | 88 (76.6%) |
| Xogħol ta' Manutenzjoni | 2 | - | 2 (1.7%) |
| **Total** | **57** | **58** | **115 (100%)** |

## *4.2 Taħriġ tal-Ħaddiema*

Sabiex l-Aġenzija dejjem tagħti servizz professjonali lill-klijenti tagħha, il-ħaddiema fi ħdanha jiksbu taħriġ formali u informali (*hands-on*) mogħti minn SAPPORT, kif ukoll jieħdu sehem f'taħriġ ieħor kemm lokalment u kif ukoll fuq livell internazzjonali.

[1] L-*operations team* jinkludi l-Kap Operattiv kif ukoll il-*Corporate Manager* u s-*Services Manager* imsemmijin aktar kmieni f'dan ir-rapport

It-taħriġ li jingħata fi ħdan l-Aġenzija jgħin lill-ħaddiema:

- jifhmu l-filosofija ta' SAPPORT biex kulħadd jagħraf jimxi bl-istess viżjoni;
- jiżviluppaw ħiliet, fil-ħidma diretta tagħhom mal-klijenti, b'mod speċjali dawk li għandhom imġieba diffiċli (*challenging behaviour*) u dawk li għandhom bżonnijiet mediċi;
- jiżviluppaw ħiliet kif jagħrfu jrażżnu kriżi qabel tiżviluppa u jintervjenu meta sitwazzjoni ta' kriżi sseħħ;
- jitgħallmu kif għandhom jamministraw il-mediċina;
- jassiguraw li l-klijenti ma jiġux vittimizzati jew esposti għal abbuż;
- jiżviluppaw ħiliet relatati ma' l-irwol tagħhom;
- jiżviluppaw ħiliet ta' *team building*;
- jifhmu l-*policies* u l-proċeduri, biex kulħadd jagħraf jimxi magħhom u jilħaq l-aspettativi ta' l-Aġenzija.

Kif diġa' ssemma, il-ħaddiema għandhom ukoll l-opportunità li jattendu *seminars* u programmi organizzati minn entitajiet oħra sabiex ikomplu jitħarrġu fl-irwol tagħhom. SAPPORT tagħmel ukoll kull sforz biex tiddentifika opportunitajiet ta' programmi internazzjonali u tibgħat ħaddiema minn tagħha għal taħriġ barra minn Malta sabiex jiksbu esperjenza diretta ta' servizzi simili kif ukoll differenti. Żewġ pajjiżi fejn il-ħaddiema attendew għal taħriġ huma l-Ingliterra u l-Isvezja.

Hemm żewġ mezzi oħra kif l-Aġenzija tilħaq il-ħaddiema tagħha u tgħinhom fil-mod kif iwettqu dejjem aħjar il-ħidma tagħhom. L-ewwel mezz hu dak ta' superviżjoni individwali darba fix-xahar, jew iktar skond il-bżonn, u t-tieni permezz ta' laqgħa għal kull *team* darba fil-ġimgħa.

# 5. Servizzi

SAPPORT hi kommessa li toffri s-servizzi tagħha lill-persuni b'diżabilità f'dawn it-tliet oqsma prinċipali:

- Servizzi Residenzjali;
- Servizzi fil-Komunità;
- Servizzi ta' Ħidma Soċjali (*Social Work*);

kif ukoll xi Ħidma Oħra.

Il-klijenti jistgħu jagħmlu użu mis-servizzi ta' SAPPORT kemm jekk huma jgħixu fil-komunità kif ukoll jekk huma qegħdin f'xi istituzzjoni tal-Gvern bħalma huma l-Isptar Monte Carmeli, ir-Residenza San Vinċenz de Paule jew Djar ta' l-Anzjani (meta l-persuna jkollha anqas minn 60 sena) jew minn xi organizzazzjoni oħra. Persuni b'imġieba diffiċli, persuni li jinsabu f'riskju li jiġu istituzzjonalizzati, persuni li jgħixu ma' ġenituri jew *carers* li huma anzjani, u persuni li diġa qegħdin f'xi istituzzjoni, jingħataw prijorità minn SAPPORT.

Is-servizzi kollha msemmija hawn fuq huma riveduti regolarment biex ikunu evalwati, jinġabar *feedback* mill-klijent, u biex ikun diskuss kull tibdil fiċ-ċirkustanzi tal-persuna.

## *5.1 Service Allocation Committee*

Sabiex tassigura l-provediment tas-servizzi b'mod ġust u xieraq, fil-bidu ta' l-2003 SAPPORT ħatret kumitat indipendenti msejjaħ *Service Allocation Committee* bil-għan li hu jeżamina t-talbiet kollha għal servizzi mill-Aġenzija. Dan il-Kumitat għandu r-responsabilità li jifli kull talba u jalloka s-servizzi skond il-bżonnijiet ta' l-individwu u r-riżorsi disponibbli fi ħdan l-Aġenzija.

Dan il-Kumitat hu kompost hekk

- persuna b'diżabilità
- persuna li tirrappreżenta persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom
- żewġ rappreżentanti mill-Aġenzija SAPPORT
- rappreżentant minn grupp ta' professjonisti mill-komunità.

Il-persuna b'diżabilità, il-familja tagħha u / jew ħbieb u *carers* tagħha, flimkien mas-*Social Worker* jidhru quddiem dan il-Kumitat. S'issa, jiġifieri minn meta twaqqaf fi Frar 2003 sa Lulju 2004, dan il-Kumitat iltaqa' sitta u għoxrin (26) darba u eżamina mija, disa' u sittin (169) applikazzjoni. Minn dawn ġew approvati mija, sebgħa u tletin (137). Id-dettalji ta' din il-ħidma tinġabar hekk

| *Service Allocation Committee* | |
|---|---|
| Preżentazzjonijiet | 169 |
| Applikazzjonijiet approvati u irċevew jew qed jirċievu Servizz fil-Komunità | 59 |
| Applikazzjonijiet approvati u qed jirċievu Servizz Residenzjali | 34 |
| Applikazzjonijiet approvati u qed jistennew Servizz fil-Komunità | 19 |
| Applikazzjonijiet approvati u qed jistennew Servizz Residenzjali | 25 |
| Applikazzjonijiet għal Servizz fil-Komunità mhux approvati | 5 |
| Applikazzjonijiet għal Servizz Residenzjali mhux approvati | 9 |
| Applikazzjonijiet riferuti għal servizzi alternattivi | 8 |
| Appelli | 10 |

Tajjeb li wieħed jinnota li hemm persuni li kienu diġà qed jirċievu servizz mill-Aġenzija meta kienet għadha 'Taqsima Għajxien Issapportjat', jiġifieri qabel ma twaqqaf is-*Service Allocation Committee*. Numru minn dawn għadhom qed jirċievu servizz sal-ġurnata tal-lum. Hemm ukoll persuni li kienu approvati Servizz fil-Komunità inizjalment u li issa qed jibbenefikaw minn Servizz Residenzjali ta' SAPPORT.

### *5.2 Servizzi Residenzjali*

a) SAPPORT fil-preżent għandha erba' (4) residenzi fil-komunità li joffru dar permanenti lil numru ta' persuni b'diżabilità. Dawn huma:

- Appartament fil-Fgura (Awtorità tad-Djar)
  Din id-dar fetħet f'Novembru 2002 u fiha hemm jgħixu tliet (3) persuni b'diżabilità li qabel kienu jgħixu mal-familji tagħhom. Dawn il-persuni għandhom bżonn ta' sapport intensiv (sapport ta' persuna ma' persuna).

- Appartament f'Ħal Kirkop (Awtorità tad-Djar)
  Din d-dar fetħet fi Frar 2003 u llum hemm ħames (5) persuni b'diżabilità jgħixu fiha. Ir-residenti ta' din id-dar qabel kienu jgħixu wieħed (1) fl-Isptar Monte Carmeli, wieħed (1) Villa Chelsea, wieħed (1) Dar il-Kaptan u tnejn (2) mal-familji tagħhom. Is-sapport li dawn għandhom bżonn huma - wieħed (1) sapport intensiv; tnejn (2) sapport intermedju u tnejn (2) sapport bażiku.

- 'Villino Maria' fl-Imtarfa
  Din id-dar fetħet f'Lulju 2003 u fiha hemm jgħixu sitt (6) klijenti. Erbgħa (4) minn dawn il-klijenti qabel kienu jgħixu fl-Isptar Monte Carmeli waqt li t-tnejn (2) l-oħra kienu jgħixu mal-familji tagħhom. Is-sapport li dawn il-klijenti għandhom bżonn huwa - tlieta (3) sapport intensiv u tlieta (3) sapport intermedju.

- 'Residenza Vajrita' f'Marsaskala

Din ir-residenza hi maqsuma fi tnejn, bi tnax (12)-il appartament mifruxa fuq żewġ sulari (6 appartamenti f'kull sular). Kull sular hu amministrat separatament.

Is-sular t'isfel ġie inawgurat fi Frar 2003 u fih hemm jgħixu tlettax (13)-il resident. Disgħa (9) mill-klijenti kienu jgħixu mal-familji tagħhom, wieħed (1) f'dar ta' l-Anzjani u tlieta (3) fl-Isptar Monte Carmeli. Tlieta (3) minn dawn ir-residenti għandhom bżonn sapport intensiv, ħamsa (5) sapport intermedju u ħamsa (5) sapport bażiku. Persuna oħra qed tistenna biex tibda t-transizzjoni.

Is-sular ta' fuq ġie inawgurat f'Diċembru 2003 u fih hemm jgħixu tnax (12)-il resident li tnejn (2) minnhom kienu jgħixu fl-Isptar Monte Carmeli, erbgħa (4) kienu jgħixu mal-familja, tnejn (2) kienu fir-Residenza San Vinċenz, tnejn (2) kienu f'Dar il-Kaptan, wieħed (1) f'Villa Chelsea u waħda (1) ġiet mill-Programm Fejda. Dawn ir-residenti għandhom bżonn sapport hekk - tnejn (2) sapport intensiv, tlieta (3) għandhom bżonn sapport intermedju u sebgħa (7) sapport bażiku. Hemm żewġ (2) persuni b'diżabilità identifikati li jgħixu fl-Isptar Monte Carmeli u fir-Residenza San Vinċenz li qegħdin fi transizzjoni biex jidħlu jgħixu f'din ir-residenza fil-ġimgħat li ġejjin.

b) SAPPORT tamministra wkoll żewġ programmi oħra li huma:

- Fondazzjoni Arka, Għawdex
  SAPPORT tamministra il-provediment ta' sitt (6) postijiet residenzjali f'dan il-kumpless. Ħames (5) persuni b'diżabilità daħlu fil-programm; huma kienu jgħixu waħda (1) fl-Isptar Monte Carmeli filwaqt li erbgħa (4) kienu jgħixu mal-familja tagħhom. Dawn il-ħames persuni għandhom bżonn sapport hekk: tnejn (2) livell intensiv, tnejn (2) livell intermedju u waħda (1) livell bażiku. Is-sitt persuna ġiet identifikata u qed tagħmel it-transizzjoni.

- Dar il-Kaptan
  SAPPORT qed tipprovdi progamm individwali għal perjodu ta' sena għal persuna b'diżabilità li matul dan iż-żmien hija residenti ġewwa Dar il-Kaptan. Din il-persuna li qabel kienet tgħix mal-familja tagħha għandha bżonn sapport intensiv u hu maħsub li wara li jispiċċa l-programm il-persuna terġa' lura fil-familja tagħha.

c) Dan is-servizz jista' jinġabar hekk:

| **Servizzi Residenzjali 1** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Residenza** | **Livell ta' Sapport** | | | |
| | *Intensiv* | *Intermedju* | *Baziku* | *Total* |
| Fgura | 3 | - | - | 3 |
| Kirkop | 1 | 3 | 1 | 5 |
| Mtarfa | 3 | 3 | - | 6 |
| Vajrita 1 | 3 | 5 | 5 | 13 |
| Vajrita 2 | 2 | 3 | 7 | 12 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Fond. Arka* | 2 | 2 | 1 | 5 |
| Oħrajn | 1 | - | - | 1 |
| **Total** | **15** | **16** | **14** | **45** |

* Il-finanzjament ta' dan il-programm ma jsirx mill-fondi allokati direttament lil SAPPORT.

Nota - L-erba' (4) persuni li qed jagħmlu t-transizzjoni m'humiex inklużi fit-tabella t'hawn fuq

| **Servizzi Residenzjali 2** | | | |
|---|---|---|---|
| **Residenza** | **Fejn kienu jgħixu qabel** | | |
| | *Familja* | *Istituzzjoni* | *Total* |
| Fgura | 3 | - | 3 |
| Kirkop | 2 | 3 | 5 |
| Mtarfa | 2 | 4 | 6 |
| Vajrita 1 | 9 | 4 | 13 |
| Vajrita 2 | 4 | 8 | 12 |
| Fond. Arka | 4 | 1 | 5 |
| Oħrajn | 1 | - | 1 |
| **Total** | **25** | **20** | **45** |

Nota - L-erba' (4) persuni li qed jagħmlu t-transizzjoni m'humiex inklużi fit-tabella t'hawn fuq

d) Il-finanzjament tas-servizzi residenzjali, minħabba n-natura tiegħu, hu wieħed qawwi minħabba li jinvolvi ħafna ħaddiema l-aktar meta s-sapport meħtieġ mill-klijenti hu fil-livell intensiv. Dan ifisser li dan it-tip ta' klijent jinħtieġ sapport erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum il-ġimgħa kollha. Minn kalkoli li għamlet SAPPORT, il-finanzjament medju għal dan is-servizz hu hekk:

| **Finanzjament tas-Servizzi Residenzjali ras għal ras għal kull klijent fis-sena (salarji ta' ħaddiema biss)** | |
|---|---|
| Sapport dirett | Lm4813 (69.64%) |
| Sapport professjonali | Lm1511 (21.87%) |
| Amministrazzjoni | Lm 587 (8.49%) |
| **Total** | **Lm6,911** |

### *5.3 Servizz fil-Komunità*

a) SAPPORT tipprovdi diversi servizzi fil-komunità bil-għan li tagħti s-sapport neċessarju ħalli persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu fil-komunità mal-familja tagħhom u mingħajr il-bżonn li jiġu istituzzjonalizzati.

SAPPORT tipprovdi dawn is-servizzi lil tlieta u sittin (63) persuna b'diżabilità għal total ta' erba' mija u ħmistax (415)-il siegħa ta' sapport fil-ġimgħa. Dan is-servizz jinqasam fi tliet kategoriji prinċipali li huma:

- **Assistenza Personali**
  Dan hu servizz provdut minn SAPPORT lill-persuni b'diżabilità bil-għan li jingħataw sapport biex jagħmlu l-attivitajiet ta' kuljum, kemm fid-dar kif ukoll fil-komunità, fejn u meta jkun hemm il-bżonn. Eżempji ta' dawn l-

attivitajiet huma għajnuna fid-dar f'iġene personali, u fil-komunità bħal assistenza għal persuna li jkollha bżonn li tiġi akkumpanjata biex tmur it-teatru. L-Aġenzija tagħmel dak kollu possibli biex takkomoda l-bżonnijiet u x-xewqat tal-klijenti meta jingħata dan is-servizz. Għalhekk is-sapport hu flessibli u, fejn hu possibli, l-Aġenzija takkomoda l-ħinijiet u ġranet li l-persuna jkollha bżonn is-servizz kif ukoll l-għażla tal-ħaddiema li l-persuna tkun tixtieq li jassistuha.

Fil-preżent SAPPORT qed tagħti dan is-servizz lil erbgħa u għoxrin (24) persuna għal total ta' mija, tnejn u disgħin (192) siegħa ta' sapport fil-ġimgħa.

- **Interventi**
  Dan hu servizz provdut minn SAPPORT lil persuni b'diżabilità biex jgħinhom jiżviluppaw ħiliet f'attivitatjiet ta' kuljum, ħiliet fid-dar u fil-komunità bħal sigurtà fit-triq, użu u tqassim tal-flus, għajnuna f'ħiliet neċessarji f'impieg, u ħiliet soċjali. Assistenza tingħata wkoll fl-iżvilupp ta' kommunikazzjoni u l-akkwist tal-ħila li l-persuna tikkontrolla l-imġieba diffiċli tagħha stess. Il-familja jew il-ħbieb tal-persuna b'diżabilità huma nvoluti fil-proċess kollu bil-għan li l-istess assistenza tingħata b'kontinwità lill-persuna.

  Fil-preżent dan is-servizz qed jingħata lil disgħa u għoxrin (29) persuna b'diżabilità għal total ta' mitejn u ħmistax (215)-il siegħa ta' sapport fil-ġimgħa.

- **Terapija**
  SAPPORT toffri wkoll terapija lill-persuni b'diżabilità, liema terapija tinkludi l-Arti Espressiva u attivitajiet ta' Ipproċċessar Sensorjali. Waqt is-sessjonijiet ta' terapija, it-terapista tara kif il-persuna tirrispondi għal sensazzjonijiet li jistimulaw is-sensi diversi, tistudja jekk il-persuna hix qed torganizza u tuża l-informazzjoni sensorjali b'mod effettiv, u tanalizza x'inhu jinterferixxi fl-abilità tal-persuna li tipparteċipa f'attivitajiet. It-terapista tara wkoll x'inhuma l-fatturi interni u esterni li huma neċessarji biex il-persuna tieħu sehem aktar sħiħ f'attivitajiet ta' kuljum.

  Fejn u meta hemm bżonn, dan l-Ipproċċessar Sensorjali hu kkumbinat ukoll ma' terapija ta' Arti Espressiva biex tgħin lill-persuni jifhmu l-aġir tagħhom billi jesprimu lilhom infushom f'ambjent fejn huma jħossuhom komdi. L-Arti Espressiva tgħin lill-persuni, partikolarment dawk li ma jużawx komunikazzjoni verbali, biex jużaw movimenti, kliem, ħsejjes, u immaġini biex jesprimu l-ħsibijiet u l-immaġinazzjoni tagħhom.

  Is-servizz ta' Terapija ġieli jingħata wkoll lill-membri l-oħra tal-familja skond il-bżonn. Fil-preżent SAPPORT qed tipprovdi dan is-servizz lil għaxar (10) persuni għal total ta' tmien (8) sigħat fil-ġimgħa.

Aspett ieħor importanti tas-Servizzi fil-Komunità li tipprovdi SAPPORT hu dak ta' Konsultazzjoni Speċjalizzata. L-Aġenzija qed tipprovdi dan lil numru ta' familji skond il-bżonnijiet tal-membru tal-familja li għandu / għandha diżabilità. L-għan ta' din il-Konsultazzjoni hu li jiġu diskussi u esplorati strateġiji ta' kif qraba u *carers* jagħtu l-aħjar sapport lill-persuna b'diżabilità li qed tgħix magħhom. L-Aġenzija tagħti wkoll din il-Konsultazzjoni Speċjalizzata lil Aġenziji oħra li joffru servizzi lil persuni b'diżabilità, meta dawn jitolbu s-servizz.

b) Dan is-servizz jista' jinġabar hekk:

| **Servizzi fil-Komunità** | | |
|---|---|---|
| | *Numru ta' Klijenti* | *Siegħat fil-ġimgħa* |
| Assistenza Personali | 24 | 192 |
| Interventi | 29 | 215 |
| Terapija | 10 | 8 |
| **Total** | **63** | **415** |

Nota: Xi persuni b'diżabilità jieħdu aktar minn tip ta' servizz wieħed

c) Il-finanzjament tas-servizzi fil-komunità huwa ħafna inqas minn dak residenzjali. Madanakollu huma ħafna aktar *cost effective* l-aktar meta niftakru li dawn is-servizzi jgħinu biex inqas persuni b'diżabilità jkollhom bżonn servizzi residenzjali. Minn kalkoli li għamlet SAPPORT, il-finanzjament medju għal dan is-servizz hu hekk:

| **Finanzjament tas-Servizzi fil-Komunità ras għal ras fis-sena (salarji ta' ħaddiema biss)** | |
|---|---|
| Sapport dirett | Lm770 (69.18%) |
| Sapport professjonali | Lm247 (22.19%) |
| Amministrazzjoni | Lm 96 (8.63%) |
| **Total** | **Lm1,113** |

## *5.4 Servizzi ta' Ħidma Soċjali (Social Work)*

a) Is-Servizz ta' Ħidma Soċjali għall-persuni b'diżabilità ġie trasferit mill-Aġenzija APPOĠĠ għall-Aġenzija SAPPORT mill-1 ta' Jannar 2003. Għal din ir-raġuni, r-rapport għal dan is-servizz ikopri l-perjodu minn Jannar 2003 sa Lulju 2004.

Barra li dan is-Servizz kompla bil-ħidma tiegħu li kien qed jagħmel mal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom fi ħdan l-Aġenzija APPOĠĠ, hu assuma wkoll l-irwol ġdid li jagħmel *assessments* inizjali għas-servizzi kollha ta' l-Aġenzija.

Minn meta twaqqaf oriġinarjament fl-1996, dan is-Servizz kellu kuntatt ma' madwar elf, ħames mija u ħmistax-il (1,515) persuna b'diżabilità u mal-membri l-oħra tal-familji tagħhom. Minn dawn hemm mitejn, tnejn u għoxrin (222) persuna b'diżabilità li qed jirċievu dan is-Servizz fil-preżent filwaqt li għal tnejn u għoxrin

(22) persuna oħra, sar *assessment* inizjali imma għadhom qed jistennew biex jirċievu s-Servizz u dan minħabba limitazzjoni ta' riżorsi.

b) Il-ħidma prinċipali ta' dan is-Servizz tista' tiġi spjegata hekk -

Il-ħidma prinċipali ta' dan is-Servizz hi l-għarfien tal-persuna b'diżabilità bħala persuna sħiħa fis-soċjetà u għalhekk l-għan ewlieni hu li tagħraf takkwista u teżerċita d-drittijiet tagħha biex tipparteċipa bis-sħiħ fil-komunità. Il-Ħidma Soċjali ta' SAPPORT tagħraf ukoll li l-komunità tkun aktar rikka bil-parteċipazzjoni u l-kontribuzzjoni tal-persuna b'diżabilità, u għalhekk taħdem bis-sħiħ biex din il-parteċipazzjoni sseħħ. Is-*social workers* jassistu lil persuni biex jiffaċċjaw b'mod effettiv il-problemi soċjali li jkollhom. Biex jintlaħaq dan, s-Servizz jaħdem mill-qrib man-*networks* formali u informali tal-persuna biex tagħti l-aħjar appoġġ u servizz possibli. Dan ħafna drabi jinkludi wkoll ħidma mal-familja tal-persuni b'diżabilità jew man-nies li huma importanti għalihom f'ħajjithom.

Dan is-Servizz ingħata l-inkarigu li kull talba għas-servizz ta' l-Aġenzija SAPPORT jiġi assessjat mis-*social workers* tiegħu. Dan l-irwol jinvolvi li -

- tingħata informazzjoni u tagħrif dwar is-servizzi li tipprovdi direttament l-Aġenzija
- ikun evalwat il-bżonn tal-persuna u titfassal talba, liema talba tiġi ppreżentata lis-*Service Allocation Committee* (SAC)
- ikunu implimentati d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzonijiet tas-SAC
- f'każ ta' deċiżjoni mis-SAC li ma togħġobx lil min qed jiġi ppreżentat, is-*social workers* jassistu lill-persuna biex jekk tixtieq, terġa' tiġi ppreżentata s-sitwazzjoni tagħha.

Minn April 2004, dan is-Servizz beda jagħmel *assessments* ukoll għal dawk it-talbiet li jsiru minn adulti b'diżabilità li jkollhom bżonn servizz ta' matul il-jum mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità. Dawn ma jinkludux dawk il-persuni li jkunu għadhom kemm spiċċaw mill-Iskejjel Speċjali.

c) Din il-ħidma fl-aħħar sena tista` tingħabar hekk -

| **Servizz ta' Ħidma Soċjali** | |
|---|---|
| Persuni li talbu dan is-servizz | 685 |
| Persuni li ħadu jew bdew jieħdu s-servizz | 663 |
| Persuni li qed jirċievu servizz fil-preżent | 218 |
| Persuni li qed jistennew biex jirċievu s-servizz | 22 |

Nota - Kuntatt inizjali jkun sar ma' dawk li qed jistennew is-servizz u f'każ ta' emerġenza, s-servizz neċessarju jingħata xorta waħda

## *5.5 Ħidma Oħra*

a) Ħidma ma' Entitajiet Oħra

SAPPORT tipprattika prinċipju ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa fejn jirrigwarda servizzi għal persuni b'diżabilità. Hija mill-bidunett ħaddnet il-valur li toħloq djalogu ma' entitajiet oħra li jaħdmu f'dan il-qasam. Għal dan il-għan, l-Aġenzija ħadmet mill-qrib ħafna mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità u ma' entitajiet oħra li jinkludu Fondazzjonijiet, Għaqdiet Governattivi u dawk li mhumiex, Għaqdiet Volontarji kif ukoll individwi b'interess f'dan il-qasam. L-Aġenzija kemm ikun possibli taqsam l-esperjenza tagħha ma' min ikun interessat u tipparteċipa b'mod attiv f'konferenzi, seminars u fora oħra relatati, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

b) Unjoni Ewropea

SAPPORT mill-ewwel għarfet il-valur ta' l-Unjoni Ewropea speċjalment issa li Malta saret membru sħiħ f'din il-Komunità. Hija pparteċipat b'mod attiv u tkompli tagħmel dan, f'inizjattiva imsejħa *Together in Europe* li tlaqqa' flimkien gruppi minn bosta pajjizi Ewropej li jaħdmu u joffru servizzi għal persuni b'diżabilità. Dan huwa forum fejn jiġu diskussi *issues* komuni, isir qsim ta' esperjenzi u informazzjoni, u ħidma fi programmi konġunti.

Barra minn hekk, SAPPORT ipparteċipat u tat kontribut f'diversi konferenzi u seminars kif ukoll tuża programmi ta' taħrig għall-impjegati tagħha bħalma huwa l-Leonardo u skemi bħall-*Youth Exchange Programmes* bil-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità f'diversi pajjiżi fosthom Cologne il-Ġermanja, Sheffield l-Ingilterra, kif ukoll f'Malta. Dan jgħin biex il-persuni b'diżabilità jkollhom orizzonti ġodda fil-ħajja tagħhom permezz ta' żjarat f'pajjiżi oħra kif ukoll bi qsim ta' l-esperjenzi fis-setturi kulturali, edukattivi, xogħol, rikreattivi u soċjali ma' persuni minn pajjiżi differenti.

Din il-ħidma tista' tinġabar hekk -

| Programm | Pajjiz | Parteċipanti |
|---|---|---|
| Programm ta' ħidma għal *Social Workers* - Leonardo da Vinci | Southwark, ir-Renju Unit | żewġ (2) *Social Workers* |
| *Seminar*: *Empowerment-Together Against Discrimination* | Lisbona, l-Portugall | Kap Operattiv |
| Skambju ta' Żgħażagħ | Sheffield, ir-Renju Unit | ħdax-il (11) żagħżugħ/a b'diżabilità u erba' (4) *Support Workers* |
| *Seminar* dwar Żgħażagħ b'Diżabilità | Sheffield, ir-Renju Unit | żewġ (2) Professjonisti |
| *Network* '*Together in Europe*' u *Seminar* dwar '*Independent Living*' | Stokkolma, l-Isvezja | Kap Operattiv u Professjonista |

c) Ħbieb ta' l-Aġenzija SAPPORT

L-Aġenzija mill-ewwel fehmet l-importanza ta' l-irwol tal-ġenituri, familjari u l-ħbieb fil-ħajja tal-persuni b'diżabilita' u n-*network* soċjali li dawn jiffurmaw madwar l-istess persuni. Hija għalhekk ħeġġet lil dawn il-persuni biex jiffurmaw għaqda li fil-fatt twaqqfet fl-2003 biex:

- tkun mezz ta' komunikazzjoni bejn il-ġenituri, qraba u *carers* tal-klijenti tal-Aġenzija;
- tressaq proposti, ilmenti u suġġerimenti relatati mal-ħidma ta' l-Aġenzija;
- tappoġġja lil SAPPORT f'kull ħidma tagħha;
- torganizza attivitajiet edukattivi, soċjali, sportivi, kulturali u rikreattivi kif ukoll ta' ġbir ta' fondi biex tgħin fil-ħidma ta' SAPPORT għall-benefiċċju tal-klijenti tagħha;
- tibni kuntatti kemm lokali kif ukoll internazzjonali biex l-Għaqda tkun dejjem aktar aġġornata f'dan il-qasam.

Fl-aħħar sena ta' ħidma ta' din l-Għaqda saru bosta donazzjonijiet ta' oġġetti li kien hemm bżonn fir-residenzi ta' l-Aġenzija, liema oġġetti qabel kien ikollhom jinxtraw mill-Aġenzija.

## 6. Il-Futur

SAPPORT taħdem qatigħ biex tara li s-servizzi tagħha jkunu l-aħjar possibli u li dejjem jingħataw b'mod professjonali. Biss, hemm żewġ oqsma li jinħtieġu attenzjoni partikolari aktar mill-oħrajn.

### *6.1 Finanzjament ta' l-Aġenzija*

Fil-preżent, għas-sena 2004 l-Aġenzija għandha *budget* ta' Lm270,000. Biss hu kkalkulat li għal din is-sena biss, l-Aġenzija għandha bżonn Lm448,000 biex tkopri s-servizzi li qed tagħti bħalissa. Dan ifisser li l-Aġenzija din is-sena stess għandha bżonn żieda fil-finanzjament tagħha ta' Lm178,000 kif jidher minn din it-tabella:

| **Finanzi għas-sena 2004** | |
|---|---|
| Ħruġ | Lm448,000 |
| Flus ivvutati | Lm270,000 |
| **Żbilanċ** | **Lm178,000** |

Dan huwa kollu żvillup ġdid fejn id-domanda għas-servizz tikber aktar ma' jiżdied l-għarfien. Għalhekk, qed isiru taħdidiet fejn dawn il-bżonnijiet qed ikunu evalwati u r-riżorsi aġġustati biex jirriflettu l-bżonnijiet reali f'dan il-qasam importanti.

Minn stimi li saru jidher li hemm talba għas-servizzi li hawn indikat taħt kif ukoll in-nefqa assoċjata ma' dawn it-talbiet:

| **Talbiet għas-Servizzi** | | |
|---|---|---|
| *Servizz* | *Numru* | *Finanzjament* |
| Servizzi Residenzjali | 25 | Lm172,775 |
| Servizzi fil-Komunità | 19 | Lm 21,147 |
| Servizzi Ħidma Soċjali | 22 | Lm 5,720 |
| **Total** | **66** | **Lm199,642** |

### *6.2 Tfal b'Diżabilità li huma f'Riskju*

SAPPORT qed tiffaċċja sitwazzjoni fejn għandha numru ta' tfal b'diżabilità severa f'riskju minħabba li hemm problemi soċjali oħra, ħafna minnhom ta' abbuż fiżiku jew emozzjonali. Preżentament SAPPORT għandha sitt (6) klijenti li huma wkoll klijenti taċ-*Child Protection Services* ta' l-Aġenzija APPOĠĠ.

Kemm SAPPORT kif ukoll APPOĠĠ qegħdin f'ħidma flimkien biex jinstabu faċilitajiet fejn tfal bħal dawn ikunu jistgħu jiġu akkomodati. Il-preferenza tkun dejjem għal *Foster Care* iżda dan mhux dejjem hu possibbli. Għalhekk qed jinħass ħafna l-bżonn ta' żieda ta' faċilitajiet għal tfal b'diżabilità.

Id-Djar tal-Knisja qed isibu diffikultajiet kbar biex joffru servizz lil dawn it-tfal u għalhekk qed isir sforz biex l-alternattiva ta' l-Isptar Monte Carmeli ma tintużax għal dawn it-tfal.

## 7. Konklużjoni

SAPPORT hi kburija b'dak li rnexxielha tibni f'dan il-perjodu qasir li ilha teżisti. Dan hu qasam relattivament ġdid u għandu bżonn rata ta' espansjoni aktar qawwija minn setturi oħra tas-soċjetà tagħna. SAPPORT taf li s-suċċess relattiv miksub s'issa hu dovut kemm għas-soċjetà Maltija li dejjem aktar qed tagħraf l-obbligu soċjali tagħha lejn il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, kif ukoll għax qed issib nies dedikati li jaħdmu bil-qalb u b'mod professjonali f'dan is-settur. Għalhekk SAPPORT tixtieq mill-qalb tirringrazzja lill-ħaddiema tagħha u lill-poplu Malti għal dan is-sapport.

L-impjegati ta' SAPPORT huma konvinti li dan il-progress ser ikompli għax ser jibqgħu isibu l-appoġġ meħtieġ mis-soċjetà Maltija biex verament il-persuni b'diżabilità jkomplu jgħixu fil-komunità bis-sapport li għandhom bżonn u li jixirqilhom.